MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 899/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**SIMON CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Simon Camilleri ta’ 43 sena, bin Emanuel u l- mejta Rose nee’ Borg, mwieled Pieta’ nhar it- 28 ta’ Awwissu 1966, residenti fil- ofnd 34, Triq San Frangisk, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 453166(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fil- lejl ta’ bejn il- 25 u s- 26 ta’ Dicembru 2008, filwaqt li kien fi Triq Gendus, Bormla, ikkommetta serq ta’ batterija tal- karozzi minn van tal- ghamla Ford, mudell Transit u li ghandu n- numru tar- registrazzjoni EAU- 912 ghad- dannu ta’ Nazzareno Scicluna minn Haz- Zabbar u liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal-haga misruqa;
2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Gendus, Bormla, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq il- bonnet tal- vettura bin- numru EAU- 912 ghad- dannu ta’ Nazzareno Scicluna minn Haz- Zabbar, liema hsara tammonta ghal €174.70.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 271, u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------